GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI
U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

Ċirkulari Numru 06/2026

Rappurtar Finanzjarju Kwartali – Introduzzjoni ta' Template Ġdid

Lil: Presidenti, Viċi Presidenti, Membri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Reġjonali Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali, President, Viċi President, Membri, Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Mingħand: Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Data: 9 ta' Ġunju 2026

1. Skop taċ-Ċirkulari

Is-skop ta' din iċ-ċirkulari huwa li tintroduċi t-template ġdida li għandha tintuża mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali għall-preżentazzjoni tar-rapporti finanzjarji ta' kull kwart, magħruf ukoll bħala Quarterly Financial Statements.

L-użu ta' dan it-template għandu jsir skont il-fażijiet ta' implimentazzjoni kif diġà stabbiliti fiċ-Ċirkulari Nru. 01/2026.

Ir-reviżjoni ta' dan it-template ta' rappurtar saret meħtieġa wara l-bidliet introdotti fil-Chart of Accounts (COA), kif ikkomunikati permezz taċ-Ċirkulari Nru. 01/2026 u permezz ta' addendi sussegwenti maħruġa mill-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

2. Prinċipji Sottostanti

Il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat it-template rivedut huma maħsuba sabiex jallinjaw ir-rekwiżiti tar-rappurtar finanzjarju mal-istruttura aġġornata tal-Chart of Accounts. Dan it-template huwa mfassal biex jipprovdi lill-Kunsilli b'informazzjoni finanzjarja aġġornata u sabiex jgħin fit-tfassil ta' policies u fis-superviżjoni finanzjarja effettiva, kif ukoll bħala għodda li tiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill.

Ir-rapporti finanzjarji ta' kull kwart huma maħsuba biex jipprovdu lis-Segretarji Eżekuttivi u lill-Membri tal-Kunsill b'informazzjoni finanzjarja preċiża, adegwata u fil-ħin, sabiex jiġi ffaċilitat monitoraġġ effettiv tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq informazzjoni korretta u aġġornata.

3. Rekwiżiti - Adozzjoni Obbligatorja

Il-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha li jaqgħu taħt il-fażijiet applikabbli kif stabbiliti fiċ-Ċirkulari 01/2026 huma obbligati jadottaw u jużaw dan it-template ta' rappurtar finanzjarju ta' kull kwart mingħajr eċċezzjoni.

B'sens ta' tranżizzjoni, u kif diġà indikat fl-Addendum taċ-Ċirkulari 01/2026 – Chart of Accounts (COA) datat 24 ta' Marzu 2026, il-Kunsilli Lokali huma eżentati mis-sottomissjoni tar-rapporti finanzjarji għall-ewwel kwart (Q1/2026). Dawn il-Kunsilli għandhom jibdew jużaw it-template l-ġdida mir-rapporti finanzjarji tat-tieni kwart (Q2/2026) 'il quddiem, skont il-fażi ta' implimentazzjoni applikabbli għalihom.

4. Konformità mal-Iskadenzi Statutorji

Il-Kunsilli kollha għandhom ikomplu josservaw il-limiti ta' żmien stabbiliti mill-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġifieri l-Att dwar il-Gvern Lokali, flimkien ma' kull leġiżlazzjoni sussidjarja u direttiva applikabbli, b'mod partikolari Avviż Legali Nru. 323 tal-2002.

5. Preparazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji ta' kull kwart

Ir-rapporti finanzjarji ta' kull kwart għandhom jiġu ppreparati mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza tal-accountant tal-Kunsill.

6. Responsabbiltà tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiżgura li r-rapport jimtela b'mod preċiż, komplut u komprensiv. Barra minn hekk, għandu jkun familjari mal-kontenut tar-rapporti sabiex ikun jista' jipprovdi spjegazzjonijiet u kjarifiki adegwati lill-Membri tal-Kunsill meta jkun meħtieġ.

7. Diskussjoni u dokumentazzjoni tal-laqgħa tal-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jalloka ħin neċessarju, b'minimu ta' ħmistax-il minuta (15-il minuta), fl-aġenda tal-laqgħa tal-Kunsill għall-preżentazzjoni, ir-reviżjoni u d-diskussjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji maħruġa għall-kwart rispettiv.

F'każ li jkun hemm virement minn vot tal-baġit għal ieħor, dan għandu jkun irreġistrat b'mod ċar fil-minuti tal-laqgħa.

Il-ħidma kollettiva bejn il-membri tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali hija importanti biex tiġi żgurata konsistenza fl-implimentazzjoni ta' dak li huwa rikjest minn din iċ-ċirkulari.

It-template huwa mehmuż bħala Anness 1 ma' din iċ-ċirkulari.

IFFIRMATA

Clare Bugeja
Id-Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)

Kopji: Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi
Segretarju Permanenti, MCLG
Awditur Ġenerali
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (International Affairs and Training)
President, AKL
President, ANSEK